**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 7 ta' Marzu 2023**

**Rikors nru : 579/2022 AGV fl-ismijiet**

**Dr. TS**

**Vs**

**SM P**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Dr T S , datat it-3 ta' Novembru 2022, f'liema qed jintalab il-hall taz-zwieg ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-risposta ta'  SM P  datata 5 ta' Dicembru 2022 f'liema oltre l-istess risposta, ressqet ukoll kontro-talba ai termini tal-Artikolu 66E tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-risposta tar-rikorrenti ghall-kontro-talba tal-intimata, datata l-20 ta' Jannar 2023, f'liema r-rikorrenti eccepixxa, fost l-ohrajn, is-segwenti:

> Fl-ewwel lok u in vena preliminari minn aspett procedurali t-talbiet imressqa mill-konvenuta rikonvenzjonanta ma japplikawx taht l-Artikolu 66E tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li bih qeghdha tinqeda sabiex ressqet ir-rikors mertu ta' din ir-risposta, stante li hija wessghet it-talbiet taghha ghal dawk li jinkludu kollox taht procedura ta' separazzjoni personali u ghalhekk l-applikazzjoni tal-Artikolu 66E ma jissussistix.
>
> Illi b'riferenza ghall-procedura kif imhaddma mill-konvenuta, kien se mai idoneu ghall-attur rikonvenzjonat kieku ried, ai termini tal-Artikolu 66D tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li seta' jressaq talbiet ukoll ghal separazzjoni personali flimkien mad-divorzju izda,l-kitba tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 66D, hawn ikkwotat, huwa car fil-fehma tal-esponenti u ma jaghtix lil parti li qeghda tircievi rikors ghad-divorzju l-facilita' li tressaq kontro-talba b'xi mod ai termini la tal-Artikolu 66E u wisq inqas tas-sub paragrafu 3 tal-Artikolu 66D.

Illi din hija sentenza in parte dwar l-ammissibilita' o meno tal-procedura adoperata mill-intimata f'dawn l-atti, meta ressqet kontro-talba flimkien mar-risposta taghha ghat-talba ta' divorzju tar-rikorrent.

Illi t-talba mressqa mir-rikorrent hija wahda ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, illi jipprovdi testwalment is-segwenti:

*66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.*

Illi fil-fehma tal-Qorti, din id-disposizzjoni taghmilha cara li kull parti fiz-zwieg tista' titlob id-divorzju jew il-hall taz-zwieg anke jekk ma hemmx il-firda bejniethom b'sentenza jew b'kuntratt. F'kull kaz bhal dan, kull ma jista' jigi indikat fir-risposta, skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kap 16, huwa jekk hemmx oggezzjoni jew le ghat-talba tad-divorzju, u l-oggezzjoni tista' tkun biss dwar nuqqas ta' hlas ta' manteniment dovut lill-parti li qed twiegeb, jew li ghad hemm il-possibilita' ta' rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi ghalhekk, ir-rikors promotur tar-rikorrent huwa wiehed li l-ligi tirrikjedi li ma jkunx rikors guramentat, u ma fihx il-formalitajiet bhal lista ta' xhieda u lista ta' dokumenti. Huwa biss rikors fejn qed jintalab id-divorzju, *sic et simpliciter*. Ladarba r-rikors promotur huwa biss rikors, ma tistax tigi mressqa kontro-talba flimkien mar-risposta. Fil-fehma tal-Qorti, tali procedura hija ghal kollox inammissibbli. Li ma kienx hekk, allura kull rikors li jsir, anke waqt medjazzjoni, jista' jwassal ghal risposta b'kontro-talba. L-istess jista' jinghad ghal kull rikors illi jintalab *pendente lite* waqt is-smiegh ta' kawza ta' separazzjoni. Dik zgur tkun il-glorifikazzjoni tal-istultifikazzjoni tal-process gudizzjarju kollu.

Ladarba r-rikorrent ghazel il-procedura ta' rikors ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kap. 16, kif fil-fatt indika fil-paragrafu 5 tal-istess rikors tieghu, l-intimata ghandha tiddikjara biss fir-risposta taghha jekk ghandhiex, o meno, oggezzjoni ghall-ghoti tad-divorzju, a bazi tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili. Illi ghalhekk, l-azzjoni tal-intimata li ressqet kontro-talba ghad-divorzju hija wahda inammissibbli f'dawn il-proceduri. L-intimata tista' biss twiegeb a

bazi tar-rikors promotur, u mhux tisnatura dak l-istess rikors u ddawru f'wiehed guramentat ai termini ta' Artikoli ohra tal-Ligi.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonant u konsegwentement qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kontro-talba intavolata minn SMP filwaqt li qed tordna l-prosegwiment tas-smiegh tad-divorzju odjern.

Bl-ispejjez ta' din is-sentenza kontra l-istess SMP

**Imhallef Antonio G. Vella**

**Maria Concetta Gauci**

**Deputat Registratur**